**5 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Carmel *sive* Charles Borg

*versus*

Anthony Restall *noe*

## Interpretazzjoni ta' – Kompetenza ta' Tribunal Industrijali u tal-Qrati Ordinarji

*L-attur talab u ngħata dikjarazzjoni sabiex is-soċjetà konvenuta ma*

*tistax tagħmel użu minn liberazzjoni mill-Qorti tal-Maġistrati taħt il-provvedimenti ta' l-art. 9 tal-Kap. 152.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat quddiem l-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur wara li ppremetta illi huwa impjegat tad-ditta *Stainless Steel Company Limited* rappreżentata mill-konvenuti *nomine* u fil-kors ta' l-istess impjieg inbdiet investigazzjoni kriminali illi wasslet għal sentenza tad-9 ta' Settembru 1983 illi biha l-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-attur u żewġ persuni oħra taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957;

U peress illi l-konvenuti *nomine* qegħdin jinterpretaw illi d-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti taħt l-istess Att XII ta' l-1957 hija dikjarazzjoni ta' ħtija;

Peress illi l-imsemmija liġi fl-artikolu XII tagħmilha ċara illi dikjarazzjoni ta' ħtija magħmula taħt l-imsemmi Att m'għandhiex tiswa bħala dikjarazzjoni ta' ħtija ħlief għall-proċeduri indikat quddiem il-Qorti Kriminali u ma tistax tintuża għall-ebda skop ieħor;

L-istess attur talab li dina l-Qorti tiddikjara illi huma ma jistgħu jagħmlu ebda użu mid-dikjarazzjoni tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja tad-9 ta' Settembru 1983 fejn illiberat lill-attur flimkien mat-tnejn l-oħra taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att XII ta' l-1957 u għaldaqstant;

2. Tiddikjara illi l-imsemmija sentenza ma tistax tintuża

għall-ebda skop ieħor ħlief għall-proċeduri magħmula quddiem il-Qorti Kriminali;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċipew:

1. In linea preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti *stante* li din il-kwistjoni għandha titressaq quddiem it-Tribunal Industrijali u fi kwalunkwe każ żgur mhux il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili *stante* li qed tiġi mħarrka soċjetà kummerċjali;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra dwar il-mertu;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili fl-24 ta' Lulju 1985 li biha ddikjarat ruħha* inkompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawża;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-26 ta' Frar 1986 li biha ġie definittivament deċiż li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija din il-Qorti tal-Kummerċ salv il-kwistjoni tal-kompetenza o meno tat-Tribunal Industrijali ssollevata wkoll fl-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti *nomine* u li ma ġietx deċiża mill-ewwel Qorti;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Novembru 1987 li biha ġie deċiż li l-mertu tal-kawża odjerna jirrientra fil-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u li konsegwentement din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni li tiddeċidi l-mertu tal-kawża odjerna;

Spejjeż bla taxxa;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Frar 1992 li biha ġiet revokata l-imsemmija sentenza tas-27 ta' Novembru 1987 billi ġie deċiż li din il-Qorti tal-Kummerċ għandha l-ġurisdizzjoni li titratta u taqta' din il-kawża bl-ispejjeż ta' l-ewwel grad kif regolati, imma dawk ta' l-Appell għas-soċjetà konvenuta;

Rat illi l-kawża ġiet riappuntata quddiem din il-Qorti u fl-udjenza tas-27 ta' Frar 1993 id-difensur tas-soċjetà konvenuta talab differiment qasir biex jieħu struzzjonijiet mingħand is-soċjetà konvenuta ċjoè dwar jekk din hijiex sejra tressaq xi eċċezzjonijiet ulterjuri u jekk għandha tali eċċezzjonijiet dawn jiġu pprezentati b'mod finali;

Il-kawża ġiet iddifferita għas-seduta ta' l-24 ta' Marzu 1993 għal dan l-iskop;

Rat illi fl-udjenza ta' l-24 ta' Marzu ħadd ma deher għas-soċjetà konvenuta u d-difensur ta' l-attur talab li l-kawża titħalla għas-sentenza. Huwa għamel riferenza għall-artikolu 12 tal-Kapitolu 152 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-liġijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti li l-attur huwa impjegat mas-soċjetà konvenuta u li fid-9 ta' Settembru 1983, il-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-attur u żewġ persuni oħra skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 9 ta' l-Att Nru. XII ta' l-1957 (illum Kapitolu 152);

Is-soċjetà konvenuta interpretat id-dikjarazzjoni magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati taħt l-imsemmija provvedimenti ta' l-Att XII ta' l-1957 bħala dikjarazzjoni ta' ħtija;

Min-naħa l-oħra, l-attur qiegħed isostni li din is-sentenza għandha tittieħed bħala dikjarazzjoni ta' ħtija għall-Qorti Kriminali **biss** u ma tistax tintuża għal ebda skop ieħor;

L-attur, b'din il-kawża qiegħed jitlob lil din il-Qorti biex tiddikjarra (a) li s-soċjetà konvenuta ma tistax tagħmel użu minn dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u (b) li dik is-sentenza ma tistax tintuża għall-ebda skop ieħor ħlief għall-proċeduri magħmula quddiem il-Qorti Kriminali;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 12(1) *"interalia"* jiddisponi hekk:

"Bla ħsara għal dak li hemm maħsub iżjed 'il quddiem dikjarazzjoni ta' ħtija li għaliha jkun ġie magħmul ordni skond dan l-att li jqiegħed il-ħati taħt *"probation"* jew jilliberah għal kollox jew taħt kondizzjoni għandha titqies li ma tkunx dikjarazzjoni ta' ħtija għal ebda fini tkun li tkun ħlief:

(a) Għall-finijiet tal-proċeduri li bihom l-ordni jkun ġie magħmul u ta' xi proċedimenti li jsiru 'l quddiem li jittieħdu kontra l-ħati skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-att u;

(b) Fil-każ ta' uffiċjal pubbliku għall-finijiet ta' kull proċedimenti ta' dixxiplina li jittieħdu kontra, jew kull piena ta' dixxiplina li tingħata lil, uffiċjal pubbliku bħal dak bħala konsegwenza ta' kull dikjarazzjoni ta' ħtija bħal dik jew ta' xi

wieħed mill-fatti li jikkostitwixxu r-reat.....";

Illi fid-dawl ta' din id-disposizzjoni tal-liġi, it-talbiet ta' l-attur jidhru li huma ġustifikati u għalhekk hemm lok li jintlaqgħu. Infatti, is-soċjetà konvenuta kellha ampja opportunità biex tressaq eċċezzjonijiet li jolqtu l-mertu tat-talbiet ta' l-attur, iżda hija baqgħet ma ressqet ebda eċċezzjonijiet bħal dawn;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur eżattament kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni bl-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni għas-soċjetà konvenuta.